MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2005

Numru 5/2005

**App Nru 5/05**

**Il-Pulizija**

**v.**

**George Said**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra George Said li gie akkuzat talli fil-11 ta' April, 2004, bejn is-2.00am u l-4.00am fl-istabbiliment 'La Grotta' fi Triq ix-Xlendi, Munxar, Ghawdex, liema stabbiliment huwa licenzjat bhala diskoteka that l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivjaggar u tat-Turizmu ghal-Malta; 1) bhala l-persuna li organizzat jew mexxiet divertiment jew li kien responsabbli ghall-organizzazzjoni jew tmexxija tad-divertiment, organizz party jew disco fil-miftuh, liema disco ma ntemmx fis-2.00am bi ksur ta' l-Artikolu 10 tar-

Regolamenti biex Jinzamm il-Bon Ordni f’Lokalitajiet tad-Divertiment, 2) talli waqt li kien qed jorganizza attivita` (Disco) fil-miftuh, din l-attivita` ma spiccatx fis-2.00am bi ksur ta’ l-Artikolu 36(b) tal-A.L. ta 2002, 3) akkuzat ukoll talli fl-istess data u lok fis-2.00am ma obdiex ordnijiet leggittimi tal-pulizija moghtija lilu mill-Ispettur Antonello Grech, u 4) akkuzat ukoll talli fl-istess data u lok bejn is-2.00am u l-4.00am iggesta attivita` kummercjali fil-berah minghajr permess ta’ l-Awtorita` Regolatorja (Art 13 Chap 441);

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-16 ta’ Dicembru 2004, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi George Said mhux hati u illiberatu mill-imputazzjonijiet kollha;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu ippresentat fis-7 ta’ Jannar 2005, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-Avukat Generali hu fis-sens li l-ewwel qorti interpretat hazin l-artikolu [**recte**: regolament] 36(b) tal-A.L. 102/2002 li jipprovdi ghal massimu ta’ hin sas-saghtejn ta’ filghodu, u li biex stabbiliment bhal dak li kienu jiggestixxu l-appellati fiz-zmien relavanti ghall-imputazzjonijiet izomm diskoteka sa l-erbgha ta’ filghodu irid ikun hemm il-permess tal-Ministru responsabbli ghall-Kummerc (regolament 36(c)). L-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, irriteniet li a bazi tad-dokumenti ezibiti kellu jigi ritenut li l-imsemmi Ministru kien ghogbu jaghti tali estensjoni. Din il-Qorti tosserva li l-Avukat Generali ma appellax specifikatament mill-liberazzjoni ta’ George Said mit-tielet imputazzjoni u fir-realta` illimita ruhhu ghall-imputazzjonijiet l-ohra.

A skans ta’ ripetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija llum stess fl-appell nru. 2/05 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Kim Said, George Said u Joseph Said***; u ghar-ragunijiet kollha moghtija f’dik is-sentenza,

tichad l-appell ta' l-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------